# APPELLI KUMMERĊJALI

**8 ta' Jannar, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Carmelo Calleja, et.

*versus*

Paolo Mifsud ne.

**Provi — Rilevanza ta' — Produzzjoni ta' Fedina Penali bħala prova**

*Kull prova hi ammissibbli jekk hija loġikament rilevanti għal fattijiet in kwistjoni bejn il-partijiet.*

*Prova m'għandhiex tiġi eskluża sempliċement għax turi illi parti f'kawża hi ta' kondotta ħażina iżda għandha tiġi eskluża jekk ma turi xejn iżjed. Meta, anki fil-kriminal, tista tal-volta tiġi ammessa l-prova ta' kondotta preċedenti ta' l-akkuża, il-prova ma tkunx tal-kondotta ħażina in ġenerali ta' l-akkużat (ħliej meta hu jinvoka l-kondotta tajba tiegħu) iżda ta fatti partikolari li jkollhom xi riferenza loġika għall-fatt addebitat.*

*X'jeħtieġ biex tiġi eżibita f'kawża l-fedina penali ta' waħda mill-partijiet.*

Dan hu appell minn żewġ degrieti interlokutorji li bihom il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha fuq talba tal-konve-

nut nomine, opposta mill-atturi, ippermettiet li jiġi ngħunt bħala xhud il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu biex jipproduċi l-fedina penali ta' l-mejjet Carmelo Calleja (l-attur oriġinali) u ppermettiet il-produzzjoni ta' dik il-fedina penali.

L-opposizzjoni ta' l-atturi kienet ibbażata fuq il-fatt illi x-xhud ma kienx ġie dikjarat mill-konvenut u l-fatt illi l-fedina penali, fi kwalunkwe każ, ma kienetx ammissibbili fil-każ presenti.

Dwar l-ewwel motiv ta' oppożizzjoni l-Qorti qalet fid-digriet tagħha illi, peress li si tratta ta' produzzjoni ta' dokument li normalment ma jiġix rilaxxjat mill-Pulizija jekk mhux direttament quddiem il-Qorti permezz ta' rappreżentant tal-Kummissarju, il-produzzjoni tax-xhud kellha tiġi ammessa unikament għall-eżibizzjoni tal-kondotta.

Dwar il-motiv l-ieħor ta' opposizzjoni, il-Qorti qalet hekk:

> "Billi l-produzzjoni ta' din il-fedina penali jista' jkollha nfluenza fuq il-provi, il-Qorti tammetti l-produzzjoni tagħha."

L-atturi jilmentaw minn dawk id-digrieti u qed jitolbu r-revoka tagħhom u li sfilz ta' l-imsemmija fedina penali. Kif jidher mir-rikors ta' l-appell u ġie anke spjegat mill-Avukat ta' l-appellanti fit-trattazzjoni orali, l-ilment tagħhom mhux issa iżjed bażat fuq il-fatt illi x-xhud ma kienx fost dawk dikjarati fil-lista tax-xhieda tal-appellat, iżda hu bażat unikament fuq il-fatt, kif jingħad testwalment fir-rikors ta' l-appell, illi "il-produzzjoni tal-fedina penali ma kelliex tiġi ammessa għaliex irrilevanti għall-kawża u l-kontenut tagħha huwa inamissibbili bħala prova fil-kawża".

F'din il-kawża, Carmelo Calleja, awtur ta' l-appellanti, wara li ppermetta illi l-motor-car tiegħu, "Buick" numru 526 ġiet distrutta bi ħruq waqt li kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mill-appellat nomine kontra l-ħsarat, talab illi l-appellat nomine jiġi kundannat iħallas is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti għall-ħsara minnu sofferta minħabba dak il-ħruq, bl-imgħax legali u li spejjeż.

Il-konvenut nomine eċċepixxa għal din it-talba illi:—

"hi nfondata billi l-eċċipjent nomine mhux obbligat iħallas l-indennizz mitlub billi l-attur naqas milli jottempera ruħu mal-kondizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni u ħalla l-karrozza f'post abbandonat fejn ġara l-ħruq."

Din u din biss kienet u baqgħet sa issa, sa kemm jidher mill-proċess, id-difiża esplicita ta' l-appellat. Hu ma speċifikax f'xiex jippretendi illi Carmelo Calleja kien "naqas milli jottempra ruħu mal-kondizzjonijiet tal-polza ta' l-assikurazzjoni," ħlief in kwantu allega li "kien ħalla l-karozza f'post abbandonat." Difatti anki fid-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet, il-fatti kollha li allega l-appellat kienu illi Carmelo Calleja kien ħa l-karrozza biex tissewwa għand mechanic u "ħalla l-car l-bogħod mill-garage fejn ma kienetx gwardata, u l-car ħadet in-nar."

Meta l-appellat, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, talab li tiġi eżibita l-fedina penali ta' Carmelo Calleja, ssottomissjoni tiegħu kienet illi "din il-prova hi meħtieġa għaliex kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt uberrimae fidei u għalhekk huwa mportanti li jkun hemm prova fuq il-kondotta ta' l-attur stanti ċ-ċirkostanzi li taħthom sar il-ħruq tal-karrozza in kwistjoni."

Dik il-Qorti, kif ġa ntqal, ammettiet l-eżibizzjoni tal-fedina penali, għaliex, kif qalet fid-digriet, "jista' jkollha nfluwenza fuq il-provi."

Din il-Qorti, bir-rispett kollu hi ta' fehma illi, la r-raġuni sottomessa mill-appellat għat-talba tiegħu u anqas il-motivazzjoni konċiża premessa mill-ewwel Qorti għad-deċiżżjoni tagħha, ma kienu fihom infushom jirrendu ammissibili dik il-prova ġenerika.

Kull prova hi ammissibbili jekk hija loġikament probanti; jiġifieri jekk hija loġikament rilevanti għall-fattijiet in kwistjoni bejn il-partijiet. Imma jeħtieġ illi xi konnessjoni loġika jkun hemm b'mod li għall-anqas tista mill-prova loġikament tinġibed xi inferenza rilevanti.

Ripetutament mistoqsi minn din il-Qorti biex jispjega b'xi mod ċar liema hi l-inferenza loġika rilevanti għad-difiża tiegħu li hu ried li l-Qorti tiġbed mill-prova deżunta mill-fedina penali ta' Carmelo Calleja, l-avukat ta' l-appellat ma għaraf jissuġġerixxi ebda waħda. Fir-risposta għar-rikors ta' l-appell l-appellat kien qal illi f'dan l-istadju tal-provi (hu) għandu raġun jissuspetta dwar minn sata kkaġuna l-ħsara u għalhekk ħass in-neċessita li jitlob li tiġi prodotta l-fedina penali ta'...... Calleja." Anki dwar dan, pero, mistoqsi mill-Qorti liema huma l-provi fil-proċess li jinduċu s-suspett u li magħhom irid jikkonnetti l-inferenza suppost deżumibbli mill-fedina penali, l-appellat ma għaraf jagħti ebda ndikazzjoni. Il-verita tidher li hi li dak li verament irid jagħmel l-appellat hu li jikkrea s-suspett permezz tal-fedina penali u jagħmlu b'dan il-mod jiffunzjona ta prova: u dan hu lleġittimu u nġust.

Sintendi, in kwantu l-eċċezzjoni formali ta' l-appellat, l-

unika eċċezzjoni s'issa mogħtija kif ġa ġie rilevat, hi li Carmelo Calleja kiser il-kondizzjonijiet tal-polza għax ħalla l-karrozza f'post mhux gwardat, il-fedina penali hi manifestament għal kollox irrilevanti. Dik hija mera konstatazzjoni u apprezzament ta' fatt.

Jekk jingħad illi dak il-fatt għandu jiġi mogħti nterpretazzjoni sinistra minħabba l-kondotta ta' Carmelo Calleja kif tidher mill-fedina penali, ir-risposta hi li ma ġiet suġġerita ebda bażi anqas 'prima facie' ta' relazzjoni loġika bejn iż-żewġ ħwejjeġ. Ċertament prova m'għandiex tiġi eskluża sempliċement għax turi illi parti f'kawża hi ta' kondotta ħażina iżda għandha tiġi eskluża jekk ma turi xejn iżjed. Meta, anki fil-kriminal, tista' talvolta tiġi ammessa l-prova ta' kondotta preċedenti ta' l-akkużat, il-prova ma tkunx tal-kondotta ħażina in ġenerali ta' l-akkużat (ħlief meta hu jinvoka l-kondotta tajba tiegħu), iżda ta' fatti partikolari li jkollhom xi riferenza loġika għall-fatt addebitat.

Jekk l-intenzjoni ta' l-appellat hi — ankorke dan anqas hu stess ma qalu — li jattakka l-kredibilita ta' Carmelo Calleja in kwantu dan xehed fl-aċċess maġisterjali li kien sar dwar il-ħruq, ir-risposta hi li anqas dan ma jista' jsir sempliċement billi tiġi mdaħħla fil-proċess il-fedina penali tiegħu, b'dak kollu li jista' jkun fiha, għandu jew m'għandux x'jaqsam mal-kredibilita. L-artikolu 584 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jgħid li parti f'kawża tista' tattakka xhud msejjaħ kontra tagħha, bi provi kuntrarji jew bi provi li x-xhud għandu ġeneralment fama li ma jgħidx is-sewwa. Imma din il-prova ssir permezz ta' xhieda li jistgħu jitkellmu fuq ir-reputazzjoni li jgawdi, jew ibati minnha, x-xhud. Il-fedina penali li turi merament il-kundanni riportati mill-persuni konċernata, huma x'inhuma, ma għandha xejn x'taqsam ma' dik il-prova.

Fin-nuqqas assolut da parti ta' l-appellat li jispeċifika l-kundanni partikolari li minnhom jista' loġikament jieħu argument, għal xi fini permess mil-liġi, rilevanti għall-kwistjonijiet involuti f'din il-kawża, il-Qorti ma' tistax ġustament tippermettilu li sempliċement "jippeska" billi permezz tal-fedina penali jikkrea atmosfera ta' suspett bl-isperanza li "jkollha xi nfluenza" li ma jgħidx x'inhi.

U anke jekk stess fil-ħajja ta' Carmelo Calleja, kien hemm fatti partikolari li minnhom tista' loġikament tinġibed xi inferenza rilevanti għall-kawża, il-prova ta' dawk il-fatti ma tistax issir bil-produzzjoni tal-fedina penali, imma b'mezzi oħra ta' prova li jkunu l-aħjar prova.

Għat-talba ta' l-appellat għall-produzzjoni tal-fedina penali m'hi ebda ġustifikazzjoni r-raġuni suġġerita fir-risposta tiegħu għar-rikors ta' l-appell, illi ċioe Carmelo Calleja miet fil-mori tal-kawża. L-ewwelnett Calleja jidher li miet xi erba' snin wara li ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, bla ma l-appellat jidher li qatt għamel xejn biex jisimgħu bħala xhud. It-tieni nett u aktar importanti, kieku Calleja baqa ħaj u nġieb bħala xhud, l-appellat kien ikun "jista' tassew" — kif jgħid hu — "jagħmillu domandi dwar il-passat tiegħu", imma l-Qorti u l-appellanti kien ikollhom dritt jeżiġu l-oġġett u li skop tad-domandi biex jissoddisfaw ruħhom dwar ir-rilevanza tagħhom u l-Qorti kien ikollha d-dritt u l-obbligu li teskludi dawk li kienu jkunu rrilevanti. Naturalment l-appellat ma jippretendix żgur illi "il-passat" kollu ta' Carmelo Calleja hu rilevanti għal din il-kawża, kif per eżempju l-mijjiet ta' kontravenzzjonijiet tat-traffiku eċċ, jew anke, tal-volta, serq ta' żewġt imwies jiswew 4/- kommess minn Calleja erbgħin sena ilu. L-appellat, fid-domandi li kien ikollu dritt jagħmel, kien ikollu l-obbligu li jirriferixxi għall-fatti partikolari u jiġġustifika kif il-prova tagħhom tista', b'xi mod loġiku tgħin it-teżi tiegħu.

Issa bil-produzzjoni tal-fedina penali l-appellat qed jipprova jagħmel mhux dak li kien ikun intitolat li jagħmel kieku Calleja kien qiegħed jixhed iżda dak li appuntu ma kienx ikun skond il-liġi jista' jagħmel.

L-appellat ripetutament semma illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni jesiġi "uberrima fides." Dan ifisser illi f'din x-xorta ta' kuntratti għandu jkun hemm l-akbar bona fede bejn il-partijiet fis-sens prinċipalment illi l-assigurat għandu, jimmanifesta lill-assiguratur dawk l-informazzjonijet kollha rikjesti u li jkunu rilevanti, bl-iskjettezza u l-verita kollha. Iżda l-appellat ma spjega bl-ebda mod kif dana kollu jista' jkollu x'jaqsam mal-fedina penali ta' Carmelo Calleja. Fl-ebda mument ma ġie suġġerit mill-appellat illi hu mhux obbligat bil-polza għaliex Calleja, meta sar il-kuntratt, naqas li jirrivelalu xi ħaġa li tista' tirriżulta mill-fedina penali u li Calleja kien obbligat li jirrivelalu. Ovvjament l-espressjoni "uberrima fides" mhix xi frażi maġika li tirrendi ammissibbili kull xorta ta' provi, mingħajr ma jiġi b'xi mod spjegat kif hemm relazzjoni bejn dik id-dottrina u l-prova rikjesta.

Fl-aħħarnett l-appellat fir-risposta tiegħu ġa diversi drabi msemmija rrileva illi, skond il-ġurisprudenza tagħna, il-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti ta' prim'istanza dwar regolament ta' provi ħlief f'każijiet eċċezzjonali u għal motivi gravi. Dan huwa veru: iżda fil-każ preżenti l-Qorti jidhrilha illi, l-ewwelnett, hemm involut prinċipju li jista' jkollu riperkussjonijiet estiżi, u t-tieni nett li hemm fil-provvediment mogħti mill-ewwel Onorabbli Qorti preġudizzju potenzzjali għall-atturi li m'għandux jibqa bla rimedju.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta' l-atturi, tirrevoka d-digrieti appellati u tordna li sfilz mill-pro-

ċess tal-fedina penali ta' Carmelo Calleja bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi dwar l-inċident kontra l-appellat salv lil dana, li jadduċi provi ta' fatti partikolari dimostrati rilevanti sic et quatenus skond il-liġi.